



Brussell, 23 ta' Lulju 2026
(OR. en)

9962/26

LIMITE

CORLX 554
CFSP/PESC 818
RELEX 749
COEST 423
FIN 783

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta'
azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-
indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014
dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu
l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj>.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi biex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressure fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.
- (3) Fid-dawl tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa li għadha għaddejja u qed teskala kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.
- (4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li 48 persuna u 168 entità jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Il-persuna u l-entitajiet li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"2057 .	Andrey Nikolaevich DORONIN bir-Russu: Андрей Николаевич ДОРНИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC NTT VOSTOK Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 165201193063	Andrey Doronin huwa d-Direttur Ġenerali u l-koproprjetarju ta' Limited liability company Scientific and technical centre Vostok (LLC NTT VOSTOK). LLC NTT VOSTOK hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC NTT VOSTOK tispeċjalizza fil-manifattura ta' armi u munizzjon. Hija tforni prodotti elettroniċi nofshom lesta u komponenti oħra lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti użati fil-produzzjoni ta' testati tal-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Andrey Doronin qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2058.	Rimma Vladimirovna FALALEYEVA bir-Russu: Римма Владимировна ФАЛАЛЕЕВА	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid ta' LLC TEXTILTECHSNAB Nazjonalità: Russa Sess: Mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 462002313932	Rimma Falaleyeva hija d-Direttur Ġenerali u s-sid ta' LLC TEXTILTECHSNAB. LLC TEXTILTECHSNAB hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC TEXTILTECHSNAB tispeċjalizza fil-bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti tat-tessuti. Hija tforni materjali kimiċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti kimiċi mhux ipproċessati użati fil-produzzjoni tal-booster ta' rokit bi propellant solidu użat biex jiġu llanċjati l-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Rimma Falaleyeva qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi hija involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2059.	Evgeniy Vasilievich SAVLEV bir-Russu: Евгений Васильевич САВЛЕВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' CJSC TECHNOSVYAZ Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 665893469807	Evgeniy Savlev huwa d-Direttur Ġenerali ta' CJSC TECHNOSVYAZ. CJSC TECHNOSVYAZ hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. CJSC TECHNOSVYAZ tispeċjalizza fil-manifattura ta' tagħmir elettriku u ottiku. Hija tforni komponenti elettroniċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament lil JSC IEMZ Kupol b'elettronika nofsha lesta u komponenti użati fil-produzzjoni tal-UAV ta' attakk unidirezżjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Evgeniy Savlev qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2060.	Oleg Nikolaevich GUSAROVSKY bir-Russu: Олег Николаевич ГУСАРОВСКИЙ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC ARMORGRUPP Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 526303596830	Oleg Gusarovsky huwa d-Direttur Ġenerali ta' LLC ARMORGRUPP. LLC ARMORGRUPP hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC ARMORGRUPP tispesjalizza fil-manifattura, il-bejgħ u t-tiswija ta' vetturi u semitrejlers. Hija fornitur għall-entità JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi materjali u servizzi għall-produzzjoni tal-vettura ta' appoġġ u manutenzjoni tal-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Oleg Gusarovsky qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2061.	Insaf Dulfnurovich FAKHRUTDINOV bir-Russu: Инсаф Дульфнурович ФАХРУТДИНОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid ta' LLC LK AUTOLIFE Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 183209712425	Insaf Fakhrutdinov huwa d-Direttur Ġenerali u s-sid ta' LLC LK AUTOLIFE. LLC LK AUTOLIFE hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC LK AUTOLIFE hija waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-loġistika fir-Russja b'uffiċċji f'diversi bliet. Hija twettaq trasport u komunikazzjonijiet, u attivitajiet ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarji. Tfori servizzi ta' loġistika lil JSC IEMZ Kupol. Hija fdata bit-trasport u l-konsenja tal-UAVs Garpiya-A1 u l-komponenti ewlenin tagħhom lejn imtajar militari qrib il-front bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Insaf Fakhrutdinov qed jappoġġa materjalment lill-kompless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2062.	Rishat Ilfatovich BASHIROV bir-Russu: Ришат Ильфатович БАШИРОВ	Funzjoni: Direttur u sid ta' LLC AUTOLIFE LOGISTIK Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 183209712425	Rishat Bashirov huwa d-direttur u s-sid ta' LLC AUTOLIFE LOGISTIK. LLC AUTOLIFE LOGISTIK hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC AUTOLIFE LOGISTIK hija waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-loġistika fir-Russja b'uffiċċji f'diversi bliet. Hija twettaq trasport u komunikazzjonijiet, u attivitajiet ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarji. Tfori servizzi ta' loġistika lil JSC IEMZ Kupol. Hija fdata bit-trasport u l-konsenja tal-UAVs Garpiya-A1 u l-komponenti ewlenin tagħhom lejn imtajar militari qrib il-front bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Rishat Bashirov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2063.	Andrey Sergeevich SHUBIN bir-Russu: Андрей Сергеевич ШУБИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprietarju ta' LLC DELMOT Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 245206682357	Andrey Shubin huwa d-direttur ġenerali u l-koproprietarju ta' LLC DELMOT. LLC DELMOT hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC DELMOT tispesjalizza fil-produzzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-magni tal-inġenji tal-ajru. Hija tipparteċipa fl-iżvilupp tal-magna għall-UAV ta' attakk unidirezżjonali Garpiya-A1. Fil-proċess tal-produzzjoni ta' din il-UAV, hija tipprovdi s-servizzi tagħha lill-manifattur ewlieni JSC IEMZ Kupol. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Andrey Shubin qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2064.	Ivan Alekseievich GAICHENYA bir-Russu: Иван Алексеевич ГАЙЧЕНЯ	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Federal State Unitary Enterprise "Main Center for Special Communications" (FGUP GCSS) Data tat-twelid: 9.10.1967 Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772914217910	Ivan Gaichenya huwa d-Direttur Ġenerali tal-Federal State Unitary Enterprise "Main Center for Special Communications". Federal State Unitary Enterprise "Main Center for Special Communications" hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Federal State Unitary Enterprise "Main Center for Special Communications" hija kumpanija tal-loġistika li tispesjalizza fi trasport ta' merkanzija ta' valur għoli u sensittiva. Tfori servizzi ta' loġistika lil JSC IEMZ Kupol. Hija fdata bit-trasport u l-konsenja tal-UAVs Garpiya-A1 u l-komponenti ewlenin tagħhom lejn imtajar militari qrib il-front bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Ivan Gaichenya qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2065.	Mikhail Andreevich AMBAROV bir-Russu: Михаил Андреевич АМБАРОВ	Funzjoni: Direttur ġenerali ta' LLC Gruppа PROMAVTO Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 526097794778	Mikhail Ambarov huwa d-direttur ġenerali u l-koproprjetarju ta' LLC GRUPPA PROMAVTO. LLC GRUPPA PROMAVTO hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Limited liability company GRUPPA PROMAVTO (LLC GRUPPA PROMAVTO) tispeċjalizza fil-manifattura ta' vetturi u semitrejlers. Hija waħda mis-sottokuntratturi ta' JSC IEMZ Kupol. B'mod speċifiku, hija tforni vetturi ta' skorta speċjalizzati tal-UAV ta' attakk unidirezjonali Garpiya. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Mikhail Ambarov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2066.	Sergey Dmitrievich LISKOVICH bir-Russu: Сергей Дмитриевич ЛИСКОВИЧ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid maġġoritarju ta' LLC LAGGAR PRO Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 525902757940	Sergey Liskovich huwa d-Direttur Ġenerali u s-sid maġġoritarju ta' LLC LAGGAR PRO. LLC LAGGAR PRO hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Limited liability company LAGGAR PRO (LLC LAGGAR PRO) tispeċjalizza fil-manifattura ta' vetturi u semitrejlers. Hija fornitur għal JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi materjal u servizzi użati fil-produzzjoni tal-vettura tal-illanċjar tal-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Sergey Liskovich qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2067.	Sergey Viktorovich KONDRASHIN bir-Russu: Сергей Викторович КОНДРАШИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid ta' LLC MSKA ENGINEERING Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772471315256	Sergey Kondrashin huwa d-Direttur Ġenerali u s-sid ta' LLC MSKA ENGINEERING. LLC MSKA ENGINEERING hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC MSKA ENGINEERING tispesjalizza fil-produzzjoni ta' xogħlijiet ta' installazzjoni elettrika. Hija tforni wkoll materjali kimiċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti kimiċi mhux ipproċessati użati fil-produzzjoni tal-booster ta' rokit bi propellant solidu użat biex jiġu llanċjati l-UAVs ta' attakk unidirezżjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Sergey Kondrashin qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2068.	Sergey Anatolievich SYCHKOV bir-Russu: Сергей Анатольевич СЫЧКОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-open joint stock company “Oborontest” Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772486575828	Sergey Sychkov huwa d-Direttur Ġenerali tal-open joint stock company “Oborontest” (kumpanija b’ishma konġunti). Il-Kumpanija b’ishma konġunti “Oborontest” hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Il-Kumpanija b’ishma konġunti “Oborontest” hija kumpanija Russa attiva fil-qasam tal-ittestjar tekniku, speċifikament l-ittestjar tar-reżistenza ta' prodotti teknoloġiċi kontra interferenza elettronika, l-impuls tal-kamp manjetiku u l-influwenza ta' fatturi elettromanjetiċi oħrajn. Hija taġixxi bħala fornitur għall-Ministeru tad-Difiża Russu u ttipprovdi s-servizzi tagħha lil diversi manifatturi tal-inġenji tal-ajru militari Russi, b'mod partikolari lil PJSC Aviation Complex Ilyushin, JSC TUPOLEV u JSC SUKHOI. Tassisti wkoll matul il-provi fuq il-post tal-UAVs ta' attakk unidirezżjonali Garpiya billi ttipprovdi l-għodod li jippermettu l-kejl tat-testijiet tat-titjir. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Sergey Sychkov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2069.	Aleksander Vladimirovich GARMASHOV bir-Russu: Александр Владимирович ГАРМАШОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC ORBITA Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 132600464578	Aleksander Garmashov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC ORBITA. JSC ORBITA hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. JSC ORBITA tispesjalizza fil-manifattura ta' tagħmir elettriku u ottiku. Hija tforni komponenti elettroniċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti użati fil-produzzjoni ta' testati tal-UAVs ta' attakk unidirezżjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Aleksander Garmashov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2070.	Elena Evgenievna SERGEEVA bir-Russu: Елена Евгеньевна СЕРГЕЕВА	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprietarju ta' LLC POLKOVODETS Nazjonalità: Russa Sess: Mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 502209295762	Elena Sergeeva hija d-Direttur Ġenerali u koproprietarju ta' LLC POLKOVODETS. LLC POLKOVODETS hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC POLKOVODETS tispesjalizza fil-manifattura ta' prodotti tal-plastik għall-imballaġġ tal-oġġetti. Hija taġixxi ta' fornitur għal JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament materjali u komponenti użati fit-trasport ta' testati tal-UAVs ta' attakk ta' UAVs unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Elena Sergeeva qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi hija involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u taġmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2071.	Aleksander Nikolaevich SHVETSOV bir-Russu: Александр Николаевич ШВЕЦОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid maġġoritarju ta' LLC SYSTEM INDUSTRIAL GROUP Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 471508359527	Aleksander Shvetsov huwa d-direttur ġenerali u s-sid maġġoritarju ta' LLC SYSTEM INDUSTRIAL GROUP. LLC SYSTEM INDUSTRIAL GROUP hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC SYSTEM INDUSTRIAL GROUP tispesjalizza fil-kummerċ bl-ingrossa u l-kummerċ bil-kummissjoni. Hija taġixxi ta' fornitur għal JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament materjali u komponenti użati fit-trasport ta' testati tal-UAVs ta' attakk ta' UAVs unidirezjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Aleksander Shvetsov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2072.	Evgenyi Dmitrievich MALAKHOV bir-Russu: Евгений Дмитриевич МАЛАХОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC NPK SEVERNAYA ZARYA Data tat-twelid: 7.4.1967 Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 782609628028	Evgenyi Malakhov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC NPK SEVERNAYA ZARYA. JSC NPK SEVERNAYA ZARYA hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. JSC NPK SEVERNAYA ZARYA tispesjalizza fil-manifattura ta' tagħmir elettriku u ottiku. Hija tforni komponenti elettroniċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti użati fil-produzzjoni ta' testati tal-UAVs ta' attakk unidirezżjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Evgenyi Malakhov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2073.	Konstantin Valentinovich MIGALIN bir-Russu: КОНСТАНТИН ВАЛЕНТИНОВИЧ МИГАЛИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprietarju ta' LLC NPF ROTOR Data tat-twelid: 7.10.1956 Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 632126749291	Konstantin Migalin huwa d-Direttur Ġenerali u koproprietarju ta' LLC NPF ROTOR. LLC NPF ROTOR hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC NPF ROTOR tispeċjalizza fil-manifattura u l-provvista ta' katapult pnevmatiċi, ir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp fil-qasam tax-xjenzi naturali u tekniċi. Tipproduċi u tforni katapult pnevmatiċi installati fuq il-vetturi tal-illanċjar għall-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Konstantin Migalin qed jappoġġa materjalment lill-kompless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il- produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2074.	Evgenyi Yakovlevich SLODKEVICH bir-Russu: Евгений Яковлевич СЛОДКЕВИЧ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprietarju ta' Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata RADIAL FIRM Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772003632171	Evgenyi Slodkevich huwa d-Direttur Ġenerali u koproprietarju ta' Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata RADIAL FIRM li hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata RADIAL FIRM tispesjalizza fid-disinn u l-manifattura ta' tagħmir antenna-filter għal baned HF, VHF, UHF professjonali u tar-radju HAM, xandir tar-radju u tat-TV, kostruzzjonijiet antenna-mast u l-manifattura ta' tagħmir ta' komunikazzjoni. Hija tforni servizzi ta' software lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament software abbord għall-kontroll tat-titjir tal-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Evgenyi Slodkevich qed jappoġġa materjalment lill-kumplex militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2075.	Ruslan Georgievich AREFIEV magħruf ukoll bħala Ruslan Georgievich AREFYEV bir-Russu: Руслан Георгиевич АРЕФЬЕВ	Funzjoni: President - President tal-Bord ta' Tmexxija ta' CMRBank; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' CMRBank Abkhazia Data tat-twelid: 20.3.1974 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 502770344505 Numru tal-Passaport: 4518402005	Ruslan Arefiev huwa eżekuttiv bankarju Russu li jservi bħala President – President tal-Bord ta' Tmexxija ta' CMRBank, istituzzjoni finanzjarja attiva fit-territorji Ukreni okkupati soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, u bħala membru tal-Bord tad-Diretturi ta' CMRBank Abkhazia. Qabel kellu pożizzjonijiet għolja fir-Russian National Commercial Bank (RNCB). Ruslan Arefiev jaqdi rwol ewlieni fl-integrazzjoni tat-territorji Ukreni okkupati illegalment fis-sistema finanzjarja tar-Russja. Mill-2014 'il quddiem, minħabba r-rwoli ta' tmexxija tiegħu fl-RNCB u aktar tard f'CMRBank, huwa akkużat li organizza u espanda ferġat bankarji fil-Krimea, Donetsk, Luhansk, Kherson, u Zaporizhzhya okkupati. Bħala kap ta' banek issorveljati mill-Bank Ċentrali tar-Russja, huwa ssorvelja istituzzjonijiet li jimplimentaw miżuri finanzjarji diretti mill-Kremlin, inkluż ir- “rublizzazzjoni”, kif ukoll is-sostituzzjoni tal-infrastruttura bankarja Ukrena u l-integrazzjoni tat-territorji okkupati fis-sistemi Russi ta' pagament u saldu. Dawn l-azzjonijiet ippermettew lill-awtoritajiet Russi jikkonsolidaw il-kontroll amministrattiv, ekonomiku u militari tagħhom fuq ir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. Għalhekk, Ruslan Arefiev qed jappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2076.	Sergey Vladimirovich BELOV bir-Russu: Сергей Владимирович БЕЛОВ	Funzjoni: Viċi Gvernatur tal-Bank Ċentrali tar-Russja Data tat-twelid: 14.9.1970 Post tat-twelid: Tambov, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Belov huwa l-Viċi Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa (Bank of Russia). Fi ħdan il-Bank of Russia, huwa jissorvelja d-Dipartiment taċ-Ċirkolazzjoni tal-Flus Kontanti, id-Dipartiment tal-Istituzzjonijiet fuq il-Kamp, id-Dipartiment Amministrattiv, u l-Unjoni Russa tad-Diviżjonijiet tal-Ġbir tal-Flus Kontanti (ROSINKAS). Bħala Viċi Gvernatur, huwa jmexxi l-istituzzjonijiet fuq il-kamp qrib żoni tal-front li jipprovdu servizzi bankarji lill-forzi Russi u lit-territorji okkupati, u b'hekk jiffaċilita t-trasferiment furzat lejn ir-rublu Russu. Barra minn hekk, il-Bank Ċentrali fetaħ fergħat fir-reġjuni Ukreni annessi u ffaċilita l-espansjoni tal-banek marbuta mal-istat, filwaqt li integra t-territorji okkupati fis-sistema finanzjarja tar-Russja. Għalhekk, Sergey Belov huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2077.	Alexander Viktorovich ARZAMASTSEV magħruf ukoll bħala Aleksandr Viktorovich ARZAMASTSEV bir-Russu: Александр Викторович АРЗАМАСЦЕВ	Funzjoni: Sid ta' LLC "ECOPROM" Data tat-twelid: 23.9.1961 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Arzamastsev huwa s-sid waħdieni ta' LLC "ECOPROM", kumpanija Russa li timmanifattura vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) b'pilotaġġ immersiv (FPV) tas-serje Bekas, inkluż il-mudelli Bekas-700, Bekas-2500, Bekas-3500, Bekas-4500 u li għandha d-dritt għat-trademark "Bekas". Dawn il-UAVs kollha jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. LLC "ECOPROM" timmanifattura wkoll kits speċjali għall-UAVs tagħha tas-serje Bekas. Għalhekk, Alexander Arzamastsev, bħala s-sid waħdieni ta' LLC "Ecoprom" qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Peress li l-kumpanija hija fornitur ta' tagħmir militari lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Alexander Arzamastsev qed jappoġġja materjalment il-kumplex militari u industrijali tar-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2078.	Aleksander Viktorovich RUDIK magħruf ukoll bħala Aleksandr Viktorovich RUDIK bir-Russu: Александр Викторович РУДИК	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC "ECOPROM" Data tat-twelid: 11.4.1966 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Rudik huwa d-Direttur Ġenerali ta' LLC "ECOPROM", kumpanija Russa li timmanifattura vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) b'pilotaġġ immersiv (FPV) tas-serje Bekas, inkluż il-mudelli Bekas-700, Bekas-2500, Bekas-3500, Bekas-4500 u li għandha d-dritt għat-trademark "Bekas". Dawn il-UAVs kollha jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. LLC "ECOPROM" timmanifattura wkoll kits speċjali għall-UAVs tagħha tas-serje Bekas. Għalhekk, fir-rwol tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' LLC "ECOPROM", Alexander Rudik qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Peress li l-kumpanija hija fornitur ta' tagħmir militari lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Alexander Rudik qed jappoġġja materjalment il-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2079.	Andrey Ivanovich SCHNEIDER magħruf ukoll bħala Andrey SCHNEIDER bir-Russu: Андрей ИВАНОВИЧ ШНАЙДЕР magħruf ukoll bħala Андрей ШНАЙДЕР	Funzjoni: Kofundatur u koproprietarju ta' "Svetofor Group" Data tat-twelid: 9.2.1974 Post tat-twelid: Germany Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 246403033635	Andrey Schneider huwa imprenditur Russu, il-kofundatur u koproprietarju ta' Svetofor Group, li jmessi aktar minn 2 200 ħanut ta' roħs fir-Russja u barra mill-pajjiż taħt ditti bħal Svetofor, Mere, u MyPrice. In-negozju tal-familja jnvolvi lil hüh Sergey u lil ommu Valentina. Il-kumpanija hija strutturata permezz ta' mijiet ta' LLCs taħt id-ditta Torgservice Group of Companies. Andrey Schneider huwa wkoll il-kofundatur ta' Torgservice Group of Companies, li tmexxi l-katina ta' roħs Svetofor. Il-katina Svetofor hija waħda mill-akbar ħames ktajjen tal-merċa fir-Russja. L-imperu ta' ħwienet ta' Schneider jaqdi rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-ekonomija domestika tar-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		Persuni assoċjati: Sergey Ivanovich Schneider; Valentina Emmanuiovna Schneider	Svetofor Group, parti mit-Torgservice Group of Companies, ilu jopera fil-Krimea okkupata mill-2014 u qed ikompli jmexxi l-ħwienet ta' roħs tiegħu Svetofor u Mayak fit-territorji Ukreni okkupati fosthom il-Krimea, Kherson, Luhansk, Donetsk. Is-sit web uffiċjali ta' Svetofor jelenka lill-Krimea bħala parti mir-Russja, u b'hekk jallinja man-narrattiva tal-Kremlin, u jikkonferma li l-ħwienet hemmhekk ilhom attivi minn Mejju 2024. Għalhekk, Andrey Schneider huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Għaldaqstant, Andrey Schneider huwa persuna fiżika li tappoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2080.	Sergey Ivanovich SCHNEIDER magħruf ukoll bħala Sergey SCHNEIDER bir-Russu: Сергей ИВАНОВИЧ ШНАЙДЕР magħruf ukoll bħala Сергей ШНАЙДЕР	Funzjoni: Kofundatur u koproprietarju ta' "Svetofo Group" Data tat-twelid: 16.6.1966 Post tat-twelid: Germany Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 246000069678	Sergey Schneider huwa biljunarju Russu, imprenditur, kofundatur u koproprietarju ta' Svetofo Group, li jmessi aktar minn 2 200 ħanut ta' roħs fir-Russja u barra mill-pajjiż taħt ditti bħal Svetofo, Mere, u MyPrice. In-negozju tal-familja jnvolvi wkoll lil ommu Valentina u ħuh Andrey. Il-kumpanija hija strutturata permezz ta' mijiet ta' LLCs taħt id-ditta Torgservice Group of Companies. Sergey Schneider huwa wkoll il-kofundatur ta' Torgservice Group of Companies, li tmexxi l-katina ta' roħs Svetofo. Il-katina Svetofo hija waħda mill-akbar ħames ktajjen tal-merċa fir-Russja. L-imperu ta' ħwienet ta' Schneider jaqdi rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-ekonomija domestika tar-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		Persuni assoċjati: Andrey Ivanovich Schneider; Valentina Emmanuiovna Schneider	Svetofor Group, parti mit-Torgservice Group of Companies, ilu jopera fil-Krimea okkupata mill-2014 u qed ikompli jmexxi l-ħwienet ta' roħs tiegħu Svetofor u Mayak fit-territorji Ukreni okkupati fosthom il-Krimea, Kherson, Luhansk, Donetsk. Is-sit web uffiċjali ta' Svetofor jelenka lill-Krimea bħala parti mir-Russja, u b'hekk jallinja man-narrattiva tal-Kremlin, u jikkonferma li l-ħwienet hemmhekk ilhom attivi minn Mejju 2024. Għalhekk, Sergey Schneider huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Għaldaqstant, Sergey Schneider huwa persuna fiżika li tappoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2081.	Valentina Emmanuiovna SCHNEIDER magħrufa wkoll bħala Valentina SCHNEIDER bir-Russu: Валентина Эммануиовна ШНАЙДЕР magħrufa wkoll bħala Валентина ШНАЙДЕР	Funzjoni: Kofundatur u koproprietarju ta' "Svetofo Group" Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 244200947887 Persuni assoċjati: Sergey Ivanovich Schneider; Andrey Ivanovich Schneider	Valentina Schneider hija imprenditriċi Russa, kofundatriċi u koproprietarju ta' Svetofo Group, li jmessi aktar minn 2 200 ħanut ta' roħs fir-Russja u barra mill-pajjiż taħt ditti bħal Svetofo, Mere, u MyPrice. In-negozju tal-familja jnvolvi wkoll lil ulied Valentina, Andrey u Sergey Schneider. Il-kumpanija hija strutturata permezz ta' mijiet ta' LLCs taħt id-ditta Torgservice Group of Companies. Valentina Schneider hija wkoll il-kofundatriċi ta' Torgservice Group of Companies, li tmexxi l-katina ta' roħs Svetofo. Il-katina Svetofo hija waħda mill-akbar ħames ktajjen tal-merċa fir-Russja. L-imperu ta' ħwienet ta' Schneider jaqdi rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-ekonomija domestika tar-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			Svetofor Group, parti mit-Torgservice Group of Companies, ilu jopera fil-Krimea okkupata mill-2014 u qed ikompli jmexxi l-ħwienet ta' roħs tiegħu Svetofor u Mayak fit-territorji Ukreni okkupati fosthom il-Krimea, Kherson, Luhansk, Donetsk. Is-sit web uffiċjali ta' Svetofor jelenka lill-Krimea bħala parti mir-Russja, u b'hekk jallinja man-narrattiva tal-Kremlin, u jikkonferma li l-ħwienet hemmhekk ilhom attivi minn Mejju 2024. Għalhekk, Valentina Schneider hija negozjant ewlieni li topera fir-Russja. Għaldaqstant, Valentina Schneider hija persuna fiżika li tappoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2082.	Mikhail Safarbekovich GUTSERIEV bir-Russu: Михаил Сафарбекович ГУЦЕРИЕВ	Funzjoni: Koproprjetarju ta' SAFMAR GROUP, JSC RDV S, LLC; Azzjonist ta' BALTIKMEDIA, LLC LAV RADIO NETWORK, LLC LITERARY COLLECTION, LLC FAVORITE CITY, LLC MASTERSKAYA MUSYKI, LLC	Mikhail Gutseriev huwa negozjant prominenti fir-Russja. Bħala l-fundatur u s-sid aħħari tal-Grupp Safmar, huwa għandu interessi kummerċjali fis-setturi taż-żejt u tal-gass, kif ukoll fis-setturi tal-proprjetà immobbli, tal-midja u tal-kostruzzjoni u jimplimenta proġetti fuq skala kbira. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-setturi taż-żejt u tal-gass, huwa settur li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Mikhail Gutseriev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja li huwa involut ukoll f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Permezz tal-proġetti ta' investiment tiegħu, huwa qed jappoġġa wkoll lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		MEDIA HOLD, LLC ON-MEDIA, LLC RADIO NOSTALGIE SPB, LLC RADIO-DACHA, LLC RADIO-LOVE, LLC REPUBLIC, LLC RU FM, LLC STOLITSA MEDIA, LLC TZ RUSSIAN HIT, LLC Data tat-twelid: 9.3.1958 Post tat-twelid: Akmolinsk, Kazakh SSR, Soviet Union (issa Kazakhstan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772342802484		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2083.	Leonid Vladimirovich SHUMAKOV bir-Russu: Леонид Владимирович ШУМАКОВ	Funzjoni: Direttur tal-proġett A7A5 Data tat-twelid: 8.2.1985 Nazjonalità: Russa Numru tal-kontribwent Russu (INN): 772775578257 Entitajiet assoċjati: Grinex; Old Vector; PSB Bank	Leonid Shumakov huwa d-direttur tal-proġett għall-proġett tal-kriptovaluta A7A5, li huwa parzjalment proprjetà ta' PSB u parzjalment proprjetà ta' A7, żewġ entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi. Il-proġett tal-kriptovaluta huwa komponent fl-istablecoin krypto A7 u r-rutini ta' ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet tagħha. Għalhekk, Leonid Shumakov qed jappoġġa u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Leonid Shumakov huwa assoċjat ma' PSB Bank, persuna ġuridika li twettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2084.	Mikhail Vladimirovich DEGTYAREV magħruf ukoll bħala Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV bir-Russu: Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ	Funzjoni: Ministru għall-Ispport tar-Russja; President tal-Kumitat Olimpiku Russu Data tat-twelid: 10.7.1981 Post tat-twelid: Kuibyshev, Russia Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Mikhail Degtyarev huwa l-Ministru għall-Ispport tar-Russja u l-President tal-Kumitat Olimpiku Russu. Fir-rwol tiegħu, huwa wiegħed li jappoġġa r-riabilitazzjoni permezz tal-isport ta' suldati Russi li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, filwaqt li jispeċifika li qed jimplimenta l-prijoritajiet stabbiliti mill-President Russu Vladimir Putin, u jiddeskrivi lilu nnifsu wkoll bħala "suldat ta' Putin". Huwa qal li waħda mill-prijoritajiet tiegħu hija l-iżvilupp ta' infrastruttura sportiva fit-territorji li huma parti mill-Ukrajna okkupati illegalment mir-Russja. Fir-rwol preċedenti tiegħu bħala l-gvernatur ta' Khabarovsk Krai, huwa appoġġa wkoll lil suldati u veterani Russi li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Kemm fir-rwoli preċedenti kif ukoll f'dawk attwali tiegħu, huwa għamel żjarat ta' ħidma fit-territorji okkupati tal-Ukrajna. Għalhekk, Mikhail Degtyarev huwa responsabbli għal politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u qed jimplimentahom.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2085.	Mikhail DOROFEEV	Funzjoni: Viċi President ta' PSB Bank Entitajiet assoċjati: PSB Bank	Mikhail Dorofeev huwa l-Viċi President ta' PSB Bank, istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti. PSB huwa bank tal-istat Russu li jappoġġa l-kumpless militari-industrijali Russu u huwa koproprietarju tan-network A7, servizz li jippermetti pagamenti transfruntieri. Mikhail Dorofeev implimenta proġetti kbar tal-PSB Bank, inkluż l-espansjoni tal-operazzjonijiet tan-network A7 fir-Russja u barra mill-pajjiż, speċifikament fin-Niġerja u ż-Żimbabwe. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Mikhail Dorofeev huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Mikhail Dorofeev huwa assoċjat ma' PSB Bank, li qed jappoġġa materjalment u finanzjarjament lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li qed iwettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2086.	Maxim Sergeevich GRIGORYEV bir-Russu: Максим Сергеевич ГРИГОРЬЕВ	Funzjoni: Membru tal-Kamra Ċivika tal-Federazzjoni Russa; Direttur tal-fondazzjoni mingħajr skop ta' qligħ "Research Democracy" Data tat-twelid: 18.8.1975 Post tat-twelid: Leningrad, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Maxim Grigoryev huwa figura ewlenija fil-propaganda tal-istat Russu, responsabbli għall-ġustifikazzjoni tal-invażjoni Russa u għad-dgħajfien tas-sovranià tal-Ukrajna. Huwa membru prominenti tal-Kamra Ċivika tal-Federazzjoni Russa maħtur mill-President tal-Federazzjoni Russa. Huwa d-Direttur tal-fondazzjoni mingħajr skop ta' qligħ "Research on Democracy". F'dan ir-rwol, huwa jiffunzjona bħala pubbliċista prominenti u rappreżentant frekwenti tan-narrattivi tal-istat Russu fix-xena internazzjonali. Maxim Grigoryev jippresiedi "International Public Tribunal on the Crimes of Ukrainian Neo-Nazis" falz imfassal biex jimita proċedimenti legali għall-produzzjoni ta' propaganda għall-konsum domestiku u internazzjonali. Huwa kiteb il-ktieb "Ukraine's Crimes Against Humanity (2022-2023)". L-attivitajiet tiegħu jingħataw promozzjoni qawwija mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Russu u jintużaw minn uffiċjali Russi biex jiġġustifikaw l-hekk imsejħa "operazzjoni militari speċjali". Għalhekk, Maxim Grigoryev huwa persuna fiżika li tappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2087.	Aleksandr Vitalyevich MINKOV bir-Russu: Александр Витальевич МИНЬКОВ magħruf ukoll bħala MARSHAL Alexander magħruf ukoll bħala МАРИШАЛ Александр	Funzjoni: Mużiċist, kompożitur, kantant, kittieb tal-kanzunetti u preżentatur tat-televiżjoni Russu; Membru tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 7.6.1957 Post tat-twelid: Korenovsk, Krasnodar Kray, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Minkov huwa mużiċist, kompożitur, kantant u kittieb tal-kanzunetti Russu. Huwa jappoġġa u jiġġustifika b'mod attiv l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, billi jxerred narrattivi tal-propaganda tal-Kremlin. Huwa jżur it-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna biex jagħti kunċerti b'appoġġ għall-militar Russu. Iddikjara wkoll xewqa li jiġġieled personalment kontra l-Ukrajna. Aleksandr Minkov huwa membru tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Fl-2025, il-President Vladimir Putin ippremja lil Alexander Minkov bl-Ordni "Għall-Mertu fil-Kultura u l-Arti". Għalhekk, Aleksandr Minkov huwa persuna fiżika li tappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2088.	Alexander Alexandrovich ZHAROV bir-Russu: Александр Александрович ЖАРОВ	Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Gazprom-Media Holding; Membru tal-Kunsill għall-Kultura u l-Arti taħt il-President tal-Federazzjoni Russa; Eks Kap tas-Servizz Federali għas-Superviżjoni tal-Komunikazzjoni, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Media tal-Massa (Roskomnadzor) Data tat-twelid: 11.8.1964 Post tat-twelid: Chelyabinsk, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772455243692	Alexander Zharov huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Gazprom-Media Holding, konglomerat tal-media kkontrollat mill-istat fir-Russja, li jaġixxi bħala għodda primarja għall-propaganda tal-gwerra u l-operazzjonijiet ta' informazzjoni tal-Kremlin. Taħt it-tmexxija tiegħu, Gazprom-Media Holding sar mezz primarju għax-"xogħol ideoloġiku" tal-Kremlin li jsawwar il-perċezzjoni pubblika dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa wkoll membru tal-Kunsill għall-Kultura u l-Arti taħt il-President tal-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, Alexander Zharov huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2089.	Vladimir Grigorievich TABAK bir-Russu: Владимир Григорьевич ТАБАК	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' ANO "Dialog" u ta' ANO "Dialog of Regions" Data tat-twelid: 2.12.1986 Post tat-twelid: Moscow, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772589320839	Vladimir Tabak huwa d-Direttur Ġenerali ta' ANO "Dialog", li hija elenkata mill-Unjoni, u ta' ANO "Dialog of Regions", organizzazzjonijiet favur il-Kremlin li huma marbutin ma' operazzjonijiet ta' influwenza u kampanji ta' diżinformazzjoni tal-gvern Russu u li jappoġġaw attivitajiet ta' informazzjoni militari tar-Russja. ANO "Dialog" u s-sussidjarja tagħha ANO "Dialog of Regions" huma ffinanzjati mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Taħt it-tmexxija ta' Vladimir Tabak, ANO "Dialog" tipproduċi u xxerred propaganda li tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dan jinkludi diżinformazzjoni mmirata biex tiskredita lill-Ukrajna, tiġġustifika l-invażjoni u ddgħajjef is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. ANO "Dialog" hija marbuta ma' Doppelgänger, network ta' operazzjoni ta' influwenza marbut mar-Russja identifikat fl-2022, li uża kontenut deepfake biex jiżviluppa kampanji Russi ta' diżinformazzjoni. ANO "Dialog" u Vladimir Tabak ġew identifikati bħala responsabbli għall-kiri u t-tmexxija tal-kampanja Recent Reliable News (RRN), li serviet bħala pjattaforma multilingwi għat-tixrid ta' kontenut tal-aħbarijiet favur ir-Russja u kontra l-Ukrajna wara miżuri restrittivi kontra l-kumpaniji tal-media tal-istat Russu stabbiliti. Għalhekk, Vladimir Tabak huwa persuna fiżika li tappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
